# TFAJLA TAL-LUM

*(Imsemmija b'tifħir fil-Konors tan-Novelli)*

Is-sħana bdiet taħkem sewwa, u n-nies kollha bdew jonfħu għax ma jifilħux iżjed. Fuq kollox beda l-għawm.

Għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, ix-xtajta tkun mimlija żgħażagħ: min tiela', min nieżel, min jilgħab bil-ballun, min ifittex xi post għoli biex minn fuqu jaqbeż, u fuq kollox kullħadd daħkani. Ma' dawn iż-żgħażagħ nilmħu ġuvni ta' xi ħmistax-il-sena, fuq ruħu għall-aħħar, smajjar, sidru wiesgħa, għajnejh żewġ kwiekeb, dirgħajh bħal tal-ħadid. Kien maħbub minn ħbiebu kollha u kienu jsejħulu Karlu.

Darba waħda waqt li kien qiegħed jitbaħbaħ, ra tfajla li għalkemm kienet tmur hemm ta' kulljum, qatt ma ta kas tagħha. Għoġbitu taf, u iżjed mill-oħrajn kollha li kien kellem qabel għax kien fiha tfajla: ftit twila, xgħarha mqasqas kemm igħatti widnejha, għajnejn suwed, u xuftejha qieshom tal-qroll. Ma kenitx tfajla għalih, għax beda jaqbeż, jogħdos, jati majnati lil sħabu biex forsi tħares lejh; u hi lemħitu jitbellaħ, tbissmet ukoll, imma kieku ma riditx tħallih jaraha, għalkemm qalbha ta' żagħżugħa li hi bdiet tħabbat.

Waqt li kienet fil-baħar, Karlu ma qalax għajnejh minn fuqha, u għal ftit ma bediex igħir għal mewġ li kien jitbewwes ma' wiċċha. Għaddiet xi siegħa, telgħet mill-baħar, u dritt warajha tala' Karlu. Kif kienet sejra d-dar il-ġuvnott tagħna waqqafha, u għal dawk l-erba' kelmiet li min jaf kemm drabi kien qalhom lil tfajliet oħra, kull darba minn għalih li dik se'r jibqa' magħha għal dejjem. Ma stenniex wisq għax Marie, la tridu tafu x'jisimha, kienet ħafifa fit-tweġiba ħelwa tagħha.

Karlu u Marie bdew jiltaqgħu ta' kulljum ħdejn il-baħar, u xi drabi kienu jibqgħu flimkien sa kemm jidlam, taħt id-dawl ħelu tal-qamar, kliemhom miksur mill-ħoss tal-mewġa li taħbat mal-blat; xi drabi oħra kienu jgħaddu minn trieq ħiemda. Tassew fihom x'tara: hu ħelu minn naħa, hi sabiħa mill-oħra, kienu fi ftit kliem żewġ bnedmin għal xulxin. Kullħadd iħares lejhom: xi xieħ jiftakar f'żgħożitu, xi missier jiftaħ għajnejh għal uliedu, u xi żagħżugħ jew żagħżugħa jgħir għal xortihom.

Damu sejrin hekk is-sajf kollu, jinħabbu bla ebda ħsieb ta' xejn, bħalma l-għasafar jinħabbu fuq xi siġra. Imma mad-dħul tax-xitwa t-tfajla bdiet tibred, ma baqgħetx tmur tiltaqa' ma' Karlu ta' kulljum bħal qabel, u meta tmur ma toqgħodx wisq għax kienet tgħid li tad-dar joqogħdu jsaqsuha fejn kienet u għaliex damet. Kliemha ma għadux dak ta' qabel, ma għadx hemm dik il-ħlewwa fi lsienha, dik il-ħarsa minn

taħt li taqsam il-qalb ta' min iħobb. L-iżjed li kienet tinġibed meta Karlu kien jibda biex isemmilha xi ħaġa fuk l-iskola jew fuq l-istudju. Karlu staqsiha ħafna drabi x'qiegħed ikollha, u hi kienet twieġbu ħafif ħafif: " Ma nafx ".

Darba kellhom jiltaqgħu l-Barrakka ta' fuq. Karlu kien hemm fil-ħin, imma Marie ma dehritx. Għaddiet kwarta għalxejn, għaddiet nofs siegħa u Marie għadha ma ġietx; fl-aħħar Karlu ddejjaq u telaq il-barra.

Fettillu jgħaddi mit-trieq ta' quddiem il-Kastilja. L-anqas laħaq wasal sa nofsha meta lemaħ lil Marie, lil dik li min jaf kemm il-darba qagħad jaħseb fiha u jitlef siegħat mill-mistrieħ ta' bil-lejl u li ħafna drabi telaq l-istudju biex joħroġ isib lilha, hemm ma' daqxejn ta' żinżill ta' tfajjel, magħlub għuda, b'żewġ sufiet fuq xuftejh, u b'kappell tal-feltru imxenghel.

Demm Karlu tala' f'rasu, saqajh bdew jirtogħdu, saħtu naqset, f'kelma waħda kien qiesu talpa. Għaddew geġwiġija ta' ħsebijiet minn rasu, u bil-kemm ried jemmen lilu n-nifsu.

Telaq lejn id-dar qiesu wieħed mibluħ, daħal f'kamartu u ma ried ikellem lil ħadd.

L-għada, għal xi l-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, ħareġ sal-Furjana biex iderri xi ftit. Lemaħha għaddejja, imma ma xtaqx iwaqqafha għax ma riedx jati kas tagħha. F'daqqa waħda ġieh ħsieb ieħor, u ried imur jieħu tiegħu talli kienet ilha dak iż-żmien kollu tidħak bih.

Għaġġel u laħaqha. Staqsiha għala kienet bidlitu, lilu li kien hekk imġennen għal warajha, li qatt ma weġġgħalha qalbha, l-anqas bl-iċken ħaġa, u hi li ħafna drabi kienet qaltlu li ma tgħix mingħajru, li kienet ħalfitlu imħabba għal ħajjitha kollha.

Imma lil min kien qiegħed igħid: lill-ajru, lil ħajt?.... Xejn ma sewa' t-tnehid ta' Karlu, għax Marie, dik li qabel kienet tiegħu, kollha tiegħu, iddrittat ftit ruħha, għolliet kemxejn rasha, u wieġbet: " Għax ma kontx naf li għadek żgħir, tmur l-iskola ", u telqet.

Eh.... Karlu, vera tfajla tal-lum. Tiħux għaliha, ħalliha tmur mal-oħrajn. Biss basta sabet wieħed li jaqla' sold, ma ratx x'għad ikun jaqla' Karlu meta jasal il-waqt.

Imma kif inhuma mġenna biex jiżżewġu!

Krimer (Victor Apap).